**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Illum 4 ta' Frar 2002.**

**Pulizija**
**Spettur David Saliba**

**Vs**

**Clint Shead**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Clint Shead, ta' 18-il-sena bin Raymond u Rachael nee' Ciappara imwieled Pieta' fis-27 ta' Jannar 1983 u li joqghod Blk. 3, Flat 3, Triq il-Liedna, Sta. Lucia, bin-numru tal-karta tal-identita' 100883(M);

Talli nhar l-4 ta' Gunju, 2001, fi Triq il-Foss, Rahal Gdid, ghal habta tal-5.30pm, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom baskett u CDs minn gewwa karozza tal-ghamla Citroen Saxo bin-numru tar-registrazzjoni KBE 104 liema oggetti jiswew aktar minn hamsin lira maltin (Lm50) u dan ghad-dannu ta' Daniel Dimech minn San Pawl il-Bahar, liema serq huwa kkwalifikat bin-natura tal-oggett misruqa.

Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan

sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentament b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u post ikkaguna hsara volontarja, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' fil-hgiega tal-karozza tal-ghamla Citroen Saxo bin-numru tar-registrazzjoni KBE 104, liema hsara ma' tiskorrix is-somma ta' hamsin lira maltin (Lm50) u dan ghad-dannu ta' Daniel Dimech.

Wara illi l-Qorti rat l-Artikolu 261 et u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imsemmi Clint Shead, hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti, fil-waqt li ssibu hati, qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor fiz-zmien sentejn mil-lum, kif ukoll qeghda tapplika l-artikolu 5, that is-sorveljanza ta' Michelle Sultana, Probation Officer, u tordna illi l-vittimi jigu kkompensati fl-ammont ta' tnejn u ghoxrin lira maltin u sittax-il-centezmu (Lm22.16c).

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.